**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2727**

Chairperson: Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.

**Każ Nru 3360/CCG**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn**

**Josef Aquilina**

**vs.**

**Heritage Malta**

*Dwar: allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

Illum 5 ta' Mejju 2021

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**Preliminari**

Dan il-każ ġie intavolat minn Josef Aquilina permezz ta' rikors fejn ir-rikorrent spjega huwa impjegat ta' Heritage Malta bħala Wood Conservator u ilu hekk minn Diċembru 2012, u minn Jannar 2014 huwa jagħmel xogħol li jeżorbita t-titlu tiegħu stante illi huwa jagħmel xogħol ta' Principal Conservator (Wood) liema titolu fuq il-karta ma jidhirx għalkemm isir minnu fil-prattika. Huwa jieħu l-istess tip ta' deċiżjonijet u għandu l-istess responsabblita ta' Principal Conservator (Wood) iżda m'għandux il-paga u l-allowances ta' Principal Conservator (Wood) minħabba li m'għandux it-titolu. Apparti minn hekk qiegħed jiġi mċaħħad ukoll minn numru ta' benefiċċji. Dan l-aġir tal-Heritage Malta jammonta għal aġir diskriminatorju minħabba

1. Impjegati oħra li jagħmlu x-xogħol li preżentament qed jagħmel ir-rikorrent u għandhom l-istess responsabbilta kif ukoll jieħdu l-istess portata ta' deċiżjonijiet fi ħdan il-unit tagħhom għandhom il-grad ta' Principal u naturalment dan huwa rifless fil-paga tagħhom;
2. U minkejja li x-xogħol u r-responsabbilta li qiegħed jieħu r-rikorrent jeżorbitaw sew il-grad tiegħu, Heritage Malta baqgħet tirrifjuta li tirrikonoxxi dan il-fatt.

Għaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal jogħġbu

1. Jiddikjara li l-aġir tal-Heritage Malta huwa diskriminatorju fil-konfront tiegħu;
2. Jordna lil Heritage Malta sabiex tieħu l-proċeduri kollha sabiex ir-rikorrent jingħata l-grad ta' Principal Conservator (Wood) u dan f'terminu impost mit-Tribunal;

3. Jordna lil Heritage Malta tħallas kumpens ġust lir-rikorrent għad-diskriminazzjoni sofferta inkluż iżda mhux limitatament għal-paga b'lura u anqas li huwa tħallas konsegwenza tan-nuqqasjiet tagħha kif ukoll għal-allowances u benefiċċji mitlufa;
4. Jagħti kwalunkwe ordni oħra u azzjoni oħra xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Il-Heritage Malta iddikjarat li primarjament il-każ huwa preskritt ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 għaliex ir-rikorrent stess jgħid li ilu jbati mill-aġir tal-Heritage Malta allegatament diskriminatorju minn Jannar tal-2014. F'kull każ ir-rikorrent igawdi l-istess kundizzjonijiet u l-istess ħlasijiet li għandhom l-impjegati fl-istess xogħol jew fl-istess klassi jew grad tiegħu għaldaqstant m'hemm l-ebda diskriminazzjoni. Ir-rikorrent kien applika speċifikament għall-kariga ta' Conservator (Wood) wara seħja pubblika u ingħata l-kariga b'effett mit-3 ta' Diċembru 2012 u kellu jsir tal-post wara perjodu ta' prova ta' sena, huwa ġie mgħarraf ukoll li l-kariga tieħgu kienet taqa' fil-Grad A fl-istruttura tal-Heritage Malta u bis-salarju li jġorr dan il-grad. Mhuwiex minnu li huwa jagħmel xogħol ta' Principal Conservator (Wood). Id-doveri ta' Conservator huma differenti minn dawk ta' Principal Conservator. Ir-responsabbiltajijet ta' Principal Conservator fost oħrajn jinvolvu responsabbiltajiet ta' management u superviżjoni u għajnuna lil Head Conservator fit-tmexxija u d-determinazzjoni tal-prijoritajiet; parteċipazzjoni fil-funzjonijiet tal-HR u diversi funzjonijiet oħra li ma jidħlux fil-job description ta' Conservator. Ir-rikorrent mhux talli ma jwettaqx dawn ir-responsabbiltajiet iżda jirrapporta lil Principal Conservator. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.

**<u>Sinteżi tax-Xhieda</u>**

Ir-rikorrent xehed li sakemm kien impjegat qatt ma talab li jiġi sekondat pero f'Awwissu 2014 kien irċieva telefonata dwar secondment. F'Jannar/Frar 2015 waslet talba formali għand il-Heritage Malta sabiex huwa jiġi sekondat mal-Ministeru ta' Trasport u Infrastruttura. Huwa qal li għalkemm ma xtaqx jiċċaqlaq minn mal-Heritage Malta ma setax jaċċetta s-sitwazzjoni. Is-Sur Gambin kien qallu li jista' jiċċaqlaq ġialadarba jkun hemm replacement għalih pero l-call ħarġet biss xhur wara wara li kien diġa fetaħ dan il-każ. Fit-30 ta' Marzu 2015 huwa kiteb lis-Sur Gambin u qallu li "With respect to the request made by the Ministry for Transport and Infrastructure for secondment, way back in 4th March 2015, given the lapse of time and consequent change in circumstances, I am obliged to review my position and refuse the request, retaining my current position here at Heritage Malta. I await your confirmation that such secondment will thus not be taking place." Ir-rikorrent ikkonferma li kien ilu jagħmel xogħol ta' Principal Conservator minn Jannar 2014.

Kenneth Gambin CEO mal-Heritage Malta xehed li għall-aħħar ta' Frar jew bidu ta' Marzu r-rikorrent talbu b'mod ċar jekk huwiex possibli li jiċċaqlaq sabiex imur jaħdem mal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura għaliex qal li kien jaf fejn sejjer jaħdem u ser ikun stmat. Huwa kien qallu li l-Heritage Malta ma għandha l-ebda xewqa jew ħsieb li tittrasferih pero jekk dik ix-xewqa tiegħu huma jaċċettawh bil-kundizzjoni li jkollhom replacement u huwa beda l-proċeduri sabiex toħroġ il-call. Mistoqsi għalfejn ma għamel xejn minn Awwissu x-xhud qal li la ma kellu xejn bil-miktub ma bediex proċeduri. Mistoqsi jekk ix-xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent minn meta ġie impjegat

għal 2014 ix-xhud wieġeb "assolutament le". Ix-xogħol tar-rikorrenti għadu bżonnjuż u mill-2014 ma daħlux persuni oħra li jagħmlu x-xogħol tiegħu.

Ir-rikorrent xehed li ġie impjegat mal-Aġenzija Heritage Malta wara sejħa pubblika u ġie ingaġġat fit-3 ta' Diċembru 2012 bħala Wood Conservator. Ix-xhud ippreżentat il-job description ta' Wood Conservator u spjega li huwa restawratur tal-injam, tal-oġġetti li huma primarjament jew esklussivament magħmula mill-injam. Ix-xhud ippreżenta ukoll il-job description ta' Principal Conservator fejn dan huwa mistenni li "assists in the provision of strategic leadership and in the overall direction in the specific area of expertise in conservation, while providing the necessary academic support in the related field of expertise as required". Skont ix-xhud il-ġerarkija timplika li jkun hemm Principal Conservator f'kull dipartiment fejn ikun responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Unit, kif ukoll tal-impjegati li jaqgħu taħtu, u anke mit-tfassil tal-programm, mill-amministrazzjoni ġenerali, mil-loġistika, jassisti lill-kuraturi eċċ. Huwa qatt ma applika għal Principal Conservator għaliex qatt ma ħarġet seħja għal Principal Conservator fl-injam u huwa ma kienx jikkwalifika għas-sejħiet l-oħrajn għal Principal Conservator  minħabba li ma kellux speċjalizzazzjoni fis-sejħiet li ħarġu li kienu għal paintings u għal paper u textiles. Ix-xhud qal li x-xogħol li qiegħed taħt il-kompetenza ta' Principal Conservator huwa jagħmlu u ilu jagħmlu minn Jannar tal-2014. Ix-xhud ippreżenta elenku ta' korrispondenza sabiex juri li huwa kien jagħmel ix-xogħol ta' Principal Conservator. Mistoqsi in kontro eżami kemm għandu impjegati taħtu, r-rikorrent wieġeb li m'għandu lil ħadd.

It-Tribunal, diversament kompost ta Deċiżjoni Preliminari (Numru 2460) fejn ma ġietx milqugħha l-eċċezzjoni preliminari imressqa mis-soċjeta, u ċjoe li l-kawża hija mxekkla mill-perjodu ta' dekadenza ta' erba' xhur.

Ir-rikorrent reġa' xehed fejn kompla jispjega kif huwa jagħmel xogħol ta' Principal Conservator. Ippreżenta dokument li pprepara hu u li juri l-ġerarkija tal-Heritage Malta. Ippreżenta aktar korrispondenza li turi li skont hu qed jagħmel xogħol ta' Principal Conservator, fosthom korrispondenza fejn ġie mitlub flimkien mal-kumplament tal-Principal Conservators, sabiex jagħti parir fuq l-injam, minkejja li huwa kien Conservator. Huwa ma jħossx li ma kellux jagħmel dak li intalab għaliex mhux xogħlu għaliex huwa professjonist u la jrid jaqa' għaċ-ċajt hu u wisq anqas iwaqqa' għaċ-ċajt lill-Aġenzija. Eżempju ieħor kien meta intalab joqgħod fuq bord tal-għażla ta' ħaddiem tal-IPSL. Ix-xhud ipprepara ukoll log ta' min daħal fil-laboratorju tiegħu minn fost is-Sur Gambin fil-kapaċita tiegħu ta' Head of Department, is-Sur Francis Chetcuti fil-kapaċita tiegħu ta' Senior Conservator u s-Sur Twanny Gambin, li huwa jaqa' direttament taħdu, fil-kapaċita tiegħu ta' Principal Conservator. B'kollox is-Sur Gambin fi tlett xhur ma resaq qatt, is-Sur Chetcuti fi tlett xhur erba' u ħamsin minuta u s-Sur Spagnol ħmistax-il minuta. Il-provi kollha li ressaq ix-xhud juru illi fil-unit tal-konservazzjoni tal-injam ix-xogħol "jitwettaq eskussivament minni Josef Aquilina, dan jinkludi tfassil, implimentar ta' metodologija tax-xogħol mingħajr ebda direzzjoni mingħand ħadd, konsulenza teknika fejn jidħlu oġġetti tal-arti u strutturi tal-injam...kif ukoll responsabbilitajiet  amministrattivi tal-area inklużi, numerużi ħtiġijiet varji, stock ta' materjali, xiri, data, bħal din id-data, rapporti, filing, kull ma huwa..." Ir-rikorrent jgħid li huwa jagħmel xogħol ta' Principal Conservator fejn jidħol koordinament ma' ufficċini barra mill-Aġenzija, xiri ta' affarijiet inkluż 'consumables and tools', xogħol amministrattiv. Huwa kkwota mill-job description

"In the specific area of expertise in conservation while providing the necessary academic support in the related field of expertise." L-irwol ta' Principal Conservator jitlob li l-persuna konċernata tkun teknika fil-materjal ta' konservazzjoni speċifiku, area of expertise, filwaqt li twassal, tiggwida, tfassal, tiggwida u timplimenta l-metodoloġija tax-xogħol kif ukoll tippjana u tikkowornina meta meħtieġ. Dan kollu mitlub fil-job description ta' Principal Conservator. Skont il-job description allura l-Principal Conservator jrid akkedemikament speċjalizzat u ppreparat in the specific area of expertise, rispettiva sabiex jaqdi l-irwol ta' konsulent tekniku tal-area kif u meta mitlub minn Heritage Malta....Minkejja li l-kariga ta' Principal Conservator Wood qatt ma eżistiet u fil-preżent ma teżistix, ir-realta hija xorta oħra, għaliex ix-xogħol kollu li jsir fil-unit tal-koservazzjoni tal-injam jew aħjar Area E jitwettaq esklussivament minni. Dan jinkludi tfassil u implimentatr ta' metodoloġija kif jixhdu d-diversi dokument li jien ipprovdejt, konsulenza teknika fejn jidħlu oġġetti tal-arti u strutturi tal-injam....kif ukoll responsabbilitajijet tal-area inkluzi numerużi ħtieġijiet varji ta' stock u xiri ta' materjal, il-filing, it-tagħmir fost tant affarijiet oħra..."

Emanueal Magro Conti, Senior Curator xehed li Heritage Malta magħmula minn seba' sezzjonijiet u huwa jieħu ħsieb waħda minnhom. Bħala restawr hemm ħames sezzjonijiet, waħda minnhom tal-injam. F'sezzjoni minnhom, per eżempju, tat-tessuti hemm żewġ persuni li huma Conservators on textiles, fis-sezzjoni tal-paintings hemm erbgħa min-nies u studenti u interns u ġieli anke nies imqabbdin b'kuntratt minħabba li fil-pittura hemm ċertu kwantitajiet. F'każ li huwa jkollu bżonn xi ħaġa mis-sezzjoni tal-paintings huwa jmur għand is-Sur Twanny Spagnol li huwa Principal Conservator, li jew jagħmel ix-xogħol huwa jew iqabbad lil xi ħadd mit-tim tiegħu. Mistoqsi min jieħu deċiżjonijiet ta' kif isir ir-restawr, b'liema metodoloġija, b'liema teknika huwa wieġeb li dawn jittieħdu mill-conservators pero huwa jidħol fiha ukoll. F'każ li jkollu bżonn xi ħaġa mis-sezzjoni tal-injam, ix-xhud qal li jkellem lil Twanny Spagnol u lil Josef Aquilina u hemm każijiet fejn huwa tkellem direttament ma' Josef Aquilina u deċiżjonijiet ta' kif isir ir-restawr, b'liema metodoloġija, b'liema teknika huwa jiddiskutihom ma' Josef. Ix-xhud spjega d-differenza bejn ir-rwol ta' kuratur u dak ta' Conservator. Mistoqsi x'inhi d-differenza bejn id-dipartiment ta' fejn hemm ir-rikorrent u dipartimenti oħra, x-xhud wieġeb li fid-dipartiment tar-rikorrent huwa jinstab waħdu filwaqt li f'dipartimenti oħra hemm aktar persuni. Skont ix-xhud "one man band taħdem imma kif qed ngħidu fix-xogħol reali kif inħossu jien irid ikollok ma' min tikkonsulta għalija fuq u taħt." Mistoqsi jekk jafx min jieħu d-deċiżjonijiet fil-mansjoni ta' prinċipal fid-dipartiment tal-injam, ix-xhud qal li fattwalment jaħseb li joħodhom ir-rikorrent u ma jafx jekk fil-fatt jikkonsultax ma' Twanny Spagnol pero fil-każijiet tiegħu Spagnol kien ħalla f'idejn ir-rikorrent. Ix-xhud in kontro eżami qal hekk "Jekk jien ser nieħu pittura ser nitkellem ma' Twanny Spagnol from A to Z. Jekk jien nieħu oġġett tal-injam jew x'inhu Twanny Spagnol ser jgħidli ftiehem ma' Josef and that's it. X'jagħmel Twanny Spagnol ma' Josef kemm iddiskutew kif u x'fatta, mur ma' Josef u niddiskuti miegħu jien. Jien l-approach tiegħi, jiena ma' Josef nitkellem fejn jidħol l-injam. Pittura, drapp u affarijiet oħra ma' ħadd ieħor huma l-principals tagħhom stess."

Anthony Spagnol, Principal Conservator Paintings u Polychrome Sculpture xehed li hemm ħames dipartiment kollha bil-principal conservator tagħhom. Ix-xhud spjega li l-injam dejjem kien jaqa' taħt il-paintings. Huwa qal li laħaq principal f'April 2008 u meta huwa laħaq principal fuqu kien hemm head. Meta dan spiċċa laħaq head ieħor imbagħad kien hemm senior conservator li ġie allokat xi mkien ieħor u imbagħad huwa ingħata l-inkarigu li jieħu ħsieb ukoll it-taqsima tal-injam.

Huwa qal li l-kwalifiki tiegħu prinċiparjament huma fil-pittura ta' kull tip, inkluż pittura fuq l-injam. Bħala duties ta' principal huwa jara kif jiġu assenjati x-xogħlijiet, jara ċertu deadlines, jara x'hemm bżonn, prijoritajiet, u tiġi diskussa l-parti teknika. Meta tidħol biċċa xogħol huwa jassenja x-xogħol lil individwu u jkun hemm diskussjoni ta' kif ser isir ix-xogħol, kemm ser joħdilhom xogħol u matul il-proċess ikun hemm djalolgu ta' kif inhu sejjer ix-xogħol. Jekk tidħol biċċa għamara huwa jitkellem ma' Josef. Huwa qal li lil Josef ma jgħidlux x'tip ta' teknika għandha tintuża għaliex dik hija r-responsabbilta tar-restawratur għaliex huwa t-tekniku. Huwa spjega li t-taħriġ tagħhom in ġenerali jixxiebah ma' xulxin allura huma kapaċi jkollhom djalogu. Fil-bidu li beda jaħdem ir-rikorrent huwa kien fl-istess kamra ma' tal-pittura u imbagħad mexa f'sala oħra għaliex minħabba trab u minħabba li ikollok bżonn spazju ikbar ingħata spazju sabiex ix-xogħol tal-injam ikun għalih. Ix-xhud qal li kuljum jikkomunika mar-rikorrent. Meta r-rikorrent fil-bidu niżel f'din il-kamra kellhom relazzjonijiet tajbin ħafna pero meta bdiet din il-kawża huwa sar "persuna non grata". Huwa qal "Kont ninżel għadnek bżonn xi ħaġa? Xotti xotti le. Ma għandex bżonn xejn? Le le...bdejt inħoss jien li jien ridt inwarrab mix-xena." Ix-xhud semma istanzi fejn ir-rikorrent beda jaqtgħu 'il barra mix-xena u beda jitkellem dritt mal-kuratur u meta kien insulentah quddiem kamra nies u kien qallu xi ħaġa fis-sens ta' "int ma tifhimx" u imbagħad qishom ixxelfu l-affarijiet u bdiet il-kawża. Ix-xhud qal li taħtu kien hemm għaxar persuni.

Wara li xehed Anthony Spagnol ir-rikorrent reġa xehed u qal li kuntrarjament għal dak li xehed Spagnol, fl-2008 id-dipartiment tal-injam ma kienx jeżisti u inħoloq meta daħal hu Heritage Malta. Skont ir-rapport annwali tal-2012 hemm ċar u tond "A new wood conservator Josef Aquilina also joined the division and will be establishing the wood conservation department." Ir-rikorrent ippreżenta korrispondenza li tkompli fuq dan il-fatt. Ir-rikorrent qal ukoll li fil-job description ta' Principal Conservator m'hemm imkien li għandu jkollu kwota ta' nies jaħdmu taħtu, jista' jkollu u jista' ma jkollux. Fil-fatt fl-aġenzija hemm principals li m'għandhomx nies taħthom u "M'humiex in-nies li jagħmlu d-dipartiment imma hija l-expertise". Ir-rikorrent innega l-allegazzjoni ta' Anthony Spagnol illi huwa pprova jaqtgħu 'il barra u esebixxa elenku ta' emails fejn Spagnol kien ikkupjat. Ir-rikorrent esebixxa ukoll dokumentazzjoni biex juri kemm kien jirriċerka meta kien jagħmel biċċa xogħol.

Kenneth Gambin, Chief Operations Officer fil-Heritage Malta xehed li fiż-żmien tal-kwistjoni mar-rikorrent kien Chief Executive Officer spjega kif kienet l-organigramma tal-aġenzija mill-2013 sal-lum. Fuq nett dak iż-żmien kien hemm head, kariga li llum jaqdiha hu fil-pożizzjoni preżenti tiegħu. Imbagħad kien hemm numru ta' managers oħrajn. Fejn jidħol il-konservazzjoni kien hemm Head Conservation u kien hemm managers jirrappurtaw lill-head. Imbagħad kien hemm Principal Conservators u Conservators u din l-istruttura għadha tiffunzjona sal-lum. Fil-bidu nett kien hemm it-taqsima tal-oġġetti li fiha hemm il-ġebel, il-ħġieġ, il-fuħħar eċċetera. Kien hemm ħames dixxiplini miġburin għalihom imbagħad dawn inqasmu fi tlieta, it-tessuti u l-karta għalihom, il-pittura u l-iskultura għalihom u l-injam għalih, imbagħad eventwalment dawn inġabru t-tessuti u l-karta flimkien u l-injam, il-pittura u l-iskultura flimkien jirrappurtaw lis-superjur tagħhom li kien manager li imbagħad sar principal conservator li kien jirrapporta lill-manager, u l-manager jirrapporta lilu. Taħt il-manager kien hemm il-principal conservator imbagħad il-conservators. Ix-xhud spjega li l-conservator huwa t-tekniku u l-principal conservator jiġbor fi ħdanu aktar minn materjal wieħed. Il-principal conservator, parti minn xogħlu huwa li

jagħmel ix-xogħol tekniku imma għandu wkoll rwol amministrattiv. Jekk il-conservators ikollhom xi problema, tkun xi tkun, jirrapportaw lilu, jekk hemm bżonn xi supplies, equipment jirrapportaw lilu u skont il-bżonn huwa jikkordina mal-manager tiegħu. Xogħol il-conservaotr huwa li jiddeċiedi jew jissuġġerixxi l-intervent li għandu jsir, iż-żmien li ħa jieħu l-intervent, jagħti pariri meta mistoqsi u dawn it-tip ta' affarijiet tekniċi. Mistoqsi dwar ir-rikorrent ix-xhud qal li mil-lat ta' kompetenza qatt ma kellhom problemi bih. Pero meta għaddiet il-probation, minn Jannar 2014 bdew b'ċertu laqgħat u beda jilmenta li qed jagħmel xogħol li mhux suppost jagħmel, "Isma' jien qed nagħti parir u mhux suppost nagħtih jien għax suppost ta' fuqi jgħidli jiena kif irrid nimxi. Bħallikieku hu mhux professjonist u m'għandux kompetenza teknika. Jiena flok jgħiduli qed insaqsi. Dan ix-xogħol mhux fil-kompetenza tiegħi, mhux suppost qed nagħmlu jien. Dan it-tip ta' problemi. Sakemm imbagħad at one point...ġiet talba għal transfer". Din it-talba saret mill-Ministeru tal-Infrastruttura sabiex Josef Aquilina jiġi trasferit għal dan il-Ministeru. Bħala Heritage Malta laqgħu din it-talba pero talbu lill-Ministeru jagħtuhom ċans sabiex isibu lil xi ħadd ieħor għaliex conservator fuq l-injam Josef Aquilina biss kien hemm. Sakemm saru l-proċeduri u ħarġu s-sejħiet is-sur Aquilina reġa' bdielu u ma riedx ikompli f'dik it-triq. Fil-fatt intavola mandat il-Qorti sabiex dak il-proċess ta' sejħa alternattiva jieqaf u fil-fatt waqaf. Kenneth Gambin ippreżenta affidavit fejn kompla żied fuq ix-xhieda viva voce. Fl-affidavit qal li minkejja li l-attitudni tar-rikorrent wara li għalqitlu l-probation bdiet tinbidel, l-Aġenzija baqgħet titratta tajjeb miegħu. F'Marzu 2014 huwa kien applika sabiex jattendi kors ta' traditional boat building fl-Ingilterra u l-Aġenzija ffaċilitat u approvat li dan jitqies bħala parti integrali mix-xogħol tiegħu. Wara l-kwistjoni tas-secondment imsemmija fix-xhieda viva voce, Aquilina kien kiteb formalment permezz tal-avukat fejn ilmenta lil huwa beda jassumi r-responsabbilta ta' Principal Conservator minn Jannar 2014 u għalhekk għandu jiġi rikonoxxut bħala tali u jingħata kumpens finanzjarju ta' din ir-responsabbilta żejda minn Jannar 2014. Aquilina dejjem kellu superjur u għalhekk it-talbiet tiegħu ma setgħux jiġu aċċettati. Inoltre l-pożizzjoni ta' Principal Conservator Wood ma kinitx teżisti u ma kienx hemm bżonnha. Gambin jagħmel referenza għad-dokumenti ippreżentati minn Aquillina u jgħid li dawk ix-xogħolijiet li Aquilina allega li huwa qed jagħmel imma huma responsabbilta tal-principal Conservator huma wkoll responsabbilta tiegħu bħala konservatur. "Dan huwa inevitabbli peress li fl-aħħar mill-aħħar qed nitkellmu fuq l-istess dixxiplina (il-konservazzjoni), u għalhekk huwa impossibli li l-job description u r-responsabbiltajiet tal-konservaturi u s-superjuri tagħhom, ikunu kompletament differenti minn xulxin." Fl-affidavit ix-xhud ikompli jgħid "Aquilina kemm-il darba qal, jew implika, li biex tkun superjur ta' xi ħadd li jaħdem (per eżempju, fl-injam) trid tkun bilfors espert professur fl-injam. Dan ovvjament mhux minnu, iktar u iktar f'dan il-każ meta l-prinċipji bażiċi tad-dixxiplina tal-konservazzjon u r-restawr huma dejjem l-istess għall-materjali kollha. Fil-fatt sabiex wieħed jiggradwa fil-konservazzjoni jkollu għadd ta' korsijiet li huma l-istess (per eżempju dawk rigward il-filosofija, l-etika (per eż. Riversibilta, reintegrazzjoni). Għat-tindif tista' tintuża tajjara jew pinzell ċkejken, jew inkella chipping hammer! Dawn ovvjament ivarjaw skond il-każ u l-materjal (ġebel, drapp, eċċ) iżda l-prinċipji jibqgħu l-istess." Fit-taqsima tal-konservazzjoni hemm principal conservator li hija responsabbli għal żewġ materjali, tessuti u karta u għalhekk il-konservaturi kemm tat-tessuti kif ukoll tal-karta jirrappurtaw lilha u l-istess japplika għal Aquilina li jirrapporta lill-principal conservator responsabbli għall-pittura u l-injam. Skont Gambin Aquilina jidher li għandu problema meta jirċievi talba għal xi xogħol jew meta jikkorrispondi ma' kollegi rigward xi xogħol, meta jintalab jattendi għal xi laqgħa jew jipparteċipa f'xi programm edukattiv, jew sabiex jgħid

x'jaħseb li hu meħtieġ sabiex isir xogħol fuq oġġetti tal-injam, kollha responsabbiltajiet ċari ta' konservatur. Pero, Aquilina jidher ukoll li għandu problema meta jirċievi direzzjoni mingħand superjuri tiegħu. Skont ix-xhud "Mid-dehra Aquilina jrid li jkun kap tiegħu nnifsu u responsabbli lejn ħadd.""Donnu conservator qiegħed hemm biss sabiex passivament jissubixxi l-ordnijiet tas-superjur jew superjuri tiegħu mingħajr ma jipparteċipa bl-ebda mod u fl-ebda stadju fid-diskussjoni sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu u jiġu stabbilit x'inhu l-aħjar li jsir fiċ-ċirkostanzi..."

In kontro eżami Kenneth Gambin qal li fiż-żmien meta infetħet il-kawża Principal conservator wood ma kienx hemm u dak iż-żmien ir-rwol ta' Principal  Conservator Wood kien jagħmlu l-Manager Ray Spiteri. Mistoqsi jikkonferma li Ray Spiteri ma kellux know how fl-injam ix-xhud ma qabilx għaliex "Ray Spiteri huwa conservator ukoll u għandu l-iskills kollha bħalma għandhom il-kollegi l-oħrajn kollha sabiex jiddeċiedi fuq materjal ta' konservazzjoni. Il-materjal huwa irrelevanti." Ix-xhud spjega li conservator huwa tekniku fil-qasam tiegħu  imbagħad lil min iwieġeb m'għandux għalfejn ikun tekniku bħalu basta jkollu kompetenza teknika fil-konservazzjoni in ġenerali. Id-differenza bażika bejn Principal u conservator hija waħda amministrattiva. Ix-xhud ta eżempju fuqu personali u spjega li hu l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu hija fl-istorja u sena ilu kien senior curator tal-istorja naturali u huwa ma jifhem xejn fl-istorja naturali. Hemm kuratur tal-istorja naturali li kien jissuġġerilu, jiddiskuti miegħu u fl-aħħar jiddeċiedi hu. Ix-xhud qal dan bħal Ministru u Prim Ministru, dawn ma jifhmux f'kollox u mhumiex tekniċi. Matul il-proċeduri inħarġet sejħa ta' Principal conservator wood u pittura. Dan sar għaliex ir-responsabbiltajiet ta' Heritage Malta kibru b'mod estensiv u għalhekk il-qasam ta' konservazzjoni issa għandu żewġ managers, kellhom jifirduhom fi tnejn ħalli jirriflettu r-responsabbiltatjiet li kienu qegħdin jikbru ta' Heritage Malta u għalhekk dan irrifletta bidla fl-istruttura u ma kellu assolutament xejn x'jaqsam ma' dawn il-proċeduri.

**<u>Sinteżi tat-trattazzjoni</u>**

L-avukat Abigail Critien għar-rikorrent tgħid li l-ewwel punt huwa r-rwol tal-Principal Conservator Wood. Kif ikkonferma Kenneth Gambin fix-xhieda tiegħu dan ir-rwol ma jeżistix u m'hemmx bżonnu fl-istruttura tal-aġenzija u minflok ġie assorbit mill-Principal Conservator Paining u mhux Principal Conservator Paintings and Woods, minkejja li dan ma kellu l-ebda kompetenza akkademika, teknika u prattika fil-konservazzjoni tal-linja kif titlob il-job description. Fix-xhieda tiegħu Josef Aquilina ppreżenta l-job description ta' conservator u principal conservator u jekk wieħed jara l-job descriptions u jifli fid-dettall ir-rwol li jagħmel Josef Aquilina wieħed jirrealizza li hemm merging taż-żewġ rwoli f'daqqa. Josef Aquilina jagħmel dak li hu prattiku, jieħu d-deċiżjonijiet, jieħu l-managing, jieħu l-amministrattiv u jieħu t-teknika u jiddeċiedi għaliex dan ma kellu lil ħadd fuqu li kellu l-kompetenza li jagħtih direzzjoni.  Ir-rikorrent ma kellu lil ħadd ma min jista' jiddiskuti u min jagħtih xi tip ta' għajnuna u li jkun mentor għalih. Is-sejħa għal conservator wood  għadha qatt ma ħarġet avolja ġiet amalgamata mal-paintings pero fil-verita huwa m'għandu lil ħadd li jista' jgħinu fl-aspett ta' teknika u allura qed jagħmel xogħol li fil-verita jeżorbita t-titlu li għandu u li hu mħallas għalih. Meta ħarġet is-sejħa għal Principal Conservator kien hemm mandat ta' inibizzjoni in vigore u għalhekk ir-rikorrent ma marx għall-intervista. Dr. Critien ippreżentat ukoll protest ġudizzjarju li miegħu kien hemm anness numru ta' dokumenti. Punt ieħor li tqajjem kien li jekk ma jkollokx impjegati taħtek ma tistax tkun Principal Conservator

meta hemm numru ta' impjegati f'dak il-grad u anke gradi ogħla li taħthom m'hemm l-ebda impjegat u ingħata elenku ta' dawn l-impjegati.

l-Avukat Pawlu Lia għall-Heritage Malta qal li numru tal-impjegati msemmija mir-rikorrenti laħqu managers il-ġimgħa li għaddiet u ma jirriżultawx mill-provi, pero mhuwiex minnu li m'għandhomx nies taħthom. L-avukat tenn li l-organigramma tal-aġenzija ma jagħmluhiex l-impjegati. Ir-rikorrent applika f'Diċembru 2012, daħal bi probation fil-post li għandu llum bil-job description li għandu llum u bil-funzjonijiet li għandu llum. Waqt il-probation ma kellux problemi ma' sħabu u mas-superjuri tiegħu u qatt ma kellu diffikulta li ma kellux direzzjoni. Kif għalqet il-probation, f'Jannar beda jippretendi li jieħu promotion. Saret referenza għax-xhieda ta' Kenneth Gambin, li fi żmien in kwistjoni kien CEO u llum għadu wieħed mill-uffiċċjali għolja fejn ta pass pass il-mod ta' kif daħal impjegat. Saret ukoll referenza għal fatt li r-rikorrent kien talab transfer, ma talabiex hu personalment iżda xi ħadd mill-ministeru u l-aġenzija talbet li jdaħħlu lil xi ħadd floku u kif dan induna li kien ser jinqeda għat-transfer reġa darlu. Dan biex wieħed jifhem il-mentalita tar-rikorrent. Il-verita hija li Principal jew Manager fuqu jeżisti. Fil-fatt huwa applika għal Principal Conservator Paintings, Polychrome, Sculpture and Wood ma marx għall-intervista. M'hemmx principal paintings għalih, m'hemmx principal polychrome għalih u l-istess m'hemmx principal wood għalih. Dawn għal finijiet ta' management u għal finijiet amministrattivi qegħdin miġburin taħt principal wieħed. Bl-istess argument, għandu jkun hemm CEO għal kull sengħa li hemm? Diskriminazzjoni kif wieħed jafha fid-definizzjoni legali, u ċjoe trattament differenti lil xi ħadd f'sitwazzjoni simili għal ħaddieħor imkien ma ħarġet. Ma ingabitx prova ta' sitwazzjoni fejn hemm xi ħadd ieħor bħal tal-injam li qiegħed principal tiegħu innifsu. Diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjoni simili titratthom b'mod differenti u hawn mhux il-każ. L-aġenzija għandha struttura u tapplikaha għal kulħadd. Mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-aġenzija intqal li veru hemm it-teknika tal-konservazzjoni imma fl-aħħar mill-aħħar il-filosofija tal-konservazzjoni, ir-raison d'etre, l-etika hija applikabbli għal kulħadd. Is-Sur Aquilina impjegat biex jeżerċita t-teknika u ħadd ma qallu li mhux tajjeb, pero mhux tajjeb fit-tmexxija, fl-amministrazzjoni, fil-management. Anzi fl-istil ta' kif jagħmel l-affarijiet jindikah bħala bniedem mhux idoneju biex imexxi lil ħaddieħor. L-Avv Lia reġa' għamel referenza għall-affidavit tas-Sur Gambin, ix-xhieda tiegħu in kontro eżami, ix-xhieda tas-Sur Noel Zammit u r-risposta tal-Aġenzija.

**<u>Kunsiderazzjoni tat-Tribunal</u>**

Dan il-każ jitratta allegat trattament diskriminatorju. L-Artikolu 2 tal-Kap. 452 jiddefinixxi *"trattament diskriminatorju" bħala kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi trade union, jew f'assoċjazzjoni ta'prinċipali;"*

Il-pern tal-kwistjoni kollha idur mal-fatt illi skont ir-rikorrent huwa jagħmel xogħol ta' Principal Conservator filwaqt li t-titolu tiegħu u sussegwentement ir-rimunerazzjoni tiegħu hija waħda ta' Conservator. Ir-rikorrent ippreżenta diversi dokumenti li skont hu huma xhieda ta' dan. Ippreżenta l-job descriptions ta' Principal Conservator u ta' Conservator u taha spejazzjonijiet fit-tul fejn huwa insista li x-xogħol li fil-fatt jagħmel huwa ta' Principal Conservator.

It-Tribunal jagħmel referenza għall-Artikolu 26 (2) li jgħid is-segwenti:

*"Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, trattament diskriminatorju jinkludi: (a) l-impieg jew l-għażla ta' persuna li tkun anqas kwalifikata minn persuna tas-sess oppost, sakemm il-prinċipal ma jippruvax li l-azzjoni kienet bbażata fuq raġunijiet aċċettabbli relatati max-xorta tax-xogħol jew għal raġunijiet relatati mat-twettiq jew ma l-esperjenza ta' xogħol magħmul qabel;
(b) azzjonijiet li jgħoddu għal impjegat, termini ta' ħlasijiet jew kondizzjonijiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jgħoddu għal impjegat fl-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, abbażi ta'trattament diskriminatorju; (ċ) azzjonijiet li bihom il-prinċipal xjentement jimmaniġġa x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestament ikun anqas favorevoli minn oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju."*

Jekk wieħed jeżamina dan l-artikolu huwa ċar li l-ewwel paragrafu ma huwiex applikabbli. Sfortunatement it-Tribunal ma ingħatax indikazzjoni taħt liema paragrafu ġiet impostata l-kawża u allura jista' biss jipprova jeżamina jekk il-kawża hijiex bbażata jew fuq il-paragrafu (b) jew il-paragrafu (ċ) jew it-tnejn. Hawnhekk wieħed għandu jassumi li l-comparator użat mir-rikorrent huwa Principal Conservator għaliex ir-rikorrent lanqas indika ma' min qiegħed jikkompara l-allegat aġir diskriminatorju.

Mix-xhieda tar-rikorrent u tal-xhieda prodotti minnu hekk kif ingħad aktar 'il fuq jidher li r-rikorrent iħoss li qed jagħmel xogħol ta' grad ogħla minn tiegħu minħabba hekk kif stqarr aktar minn darba ta' fuqu, il-Principal Conservator ma jifhem xejn fl-injam u għaldaqstant huwa tħalla għal rieħu jagħmel fattiħ u jieħu d-deċiżjonijiet waħdu. Skont ir-rikorrent huwa jieħu d-deċiżjonijiet kemm fejn tidħol it-teknika kif ukoll fejn tidħol l-amministrazzjoni u minħabba f'hekk huwa qiegħed jiġi diskriminat għaliex ma għandux il-pożizzjoni ta' Senior Conservator.

Ix-xhieda tal-Aġenzija iżda tgħid il-kontra. L-argument użat mill-Aġenzija hija li x-xogħol ta' Senior Conservator ma jfissirx li dan għandu jkun espert f'kollox minħabba li l-organigramma tal-Aġenzija hija mqassma b'tali mod li hemm dixxiplini differenti magħquda taħt Senior Conservator.

Għalhekk it-Tribunal hawnhekk ser jelenka r-responsabbiltajiet ta' Conservator hekk kif deskritt fil-Job Description:

- *To examine artefacts, plan programmes of treatment, execute conservation treatment, ensure the protection of artefacts from deterioration and compile all necessary records and documentation all projects in his or her care as directed by the Head Conservator*
- *To operate equipment in the execution of conservation duties*
- *To undertake research and fieldwork as directed*
- *To advise on preventive conservation measures*
- *To provide informaton as requested*
- *To participate in public programme and training programmes*

- *To participate in exhibition planning*
- *To keep oneself informed and up to date on conservation practice relating to one's specialisation*
- *To monitor and document the state of preservation of artefacts and provide recommendations*
- *To lead a group of technicians as and when necessary*

L-iskop tar-rwol ta' Conservator huwa

- *"To undertake conservation practice according to the direction outlined by the Conservation Manager.*
- *Reports to the Head Conservator."*

Bħala skop tar-rwol tal-Principal Conservator il-Job Description tgħid li din hija "*Assists in the provision of strategic leadership and in the overall direction in the specific area of expertise in Conservation while providing the necessary academic support in the related field of expertise as required."* Ir-responsabbiltajiet ta' Principal Conservator huma:

- *Works closely with curatorial sections and other conservators in order to identify and establish the conservation needs of the collection*
- *Assists in the management of the department's conservation treatment programme in the specific area of expertise*
- *Assists/supervises/carries out the various phases of conservation and restoration intervention*
- *Contributes to the establishment of priorities, with Head Conservation, and set standards for the examination, diagnosis, treatment and conservation and preventive care of artefacts falling under the particular area of expertise*
- *Guides and offers advice and support to the conservators*
- *Assists in the establishment and review the policies, relating amongst others, to the re-installations, new construction projects, exhibition, storage and loans*
- *Establishes and foster links with other Conservation Centres*
- *Assists in managing through an efficient, economic and effective manner resources, including human resources falling under his/her care*
- *Actively participates in HR functions, such as selection, training and development, performance appraisal, mentoring and discipline of staff falling under his/her supervision*
- *Coordinates courses organised by/in collaboration as required*
- *Participates in educational programmes*
- *Assists in the design, delivery and development of teaching technical and related services both to students and to the community at large*
- *Assists in the marketing and promotion of Heritage Malta's activities*
- *Carries out other duties as directed by the Head Conservation*
- *Drives a vehicle as and when required*
- *Represents the Agency in missions abroad*
- *Participates in Continuous Development Programme*

- *Works in close collaboration with other Heritage Malta professionals*
- *Observes professional ethics*
- *Ensures adherence to policies and approved budgets*
- *Other duties as may be assigned by the Agency.*

Jekk wieħed jeżamina x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti mir-rikorrent li huwa jisħaq li huma prova illi huwa jagħmel ix-xogħol ta' Principal Conservator jidher li kkumparat mal-job description ta' Senior Conservator, ir-rikorrent ftit li xejn jagħmel mir-responsabbiltajiet ta' Principal Conservator. Fil-fehma tat-Tribunal id-differenza prinċipali bejn ir-rwol ta' Conservator u ta' Principal Conservator hija li tal-ewwel huwa t-tekniku u jesegwixxi, dejjem bi professjonalita u l-ħila tiegħu, filwaqt li l-ieħor huwa parti mill-management, li huwa direttament involut fit-tmexxija tad-dipartiment li huwa responsabbli għalih filwaqt li jżomm djalogu u jaħdem id f'id mal-bqija tal-Aġenzija. Dan ma jfissirx li wieħed ma jistax jagħmel xi ftit mir-rwol tal-ieħor. Per eżempju, r-rikorrent isemmi li kien hu li kien responsabbli mix-xiri tal-equipment għal-laboratorju tiegħu u kien hu li jqassam ir-riżorsi li jkollu bżonn hu u għaldaqstant f'din iċ-ċirkostanza huwa għamilha ta' Principal Conservator. Hawnhekk it-Tribunal jistaqsi – jekk huwa t-tekniku m'għandux ikun hu li jgħid x'għandu bżonn biex jagħmel xogħlu kif suppost? It-Tribunal itenni li hawnhekk qed nitkellmu fuq professjonista, fuq persuna li huwa gradwat u li għandu fil-pussess tiegħu warrant sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu u wieħed jistenna li dan għandu jieħu inizjattiva. Jekk nieħdu sitwazzjoni bil-kontra – għandna nippretendu li l-Manager, f'dan il-każ il-Principal Conservator għandu jkun micro manager ma' professjonist?

Meta wieħed jeżamina l-job description ta' Principal Conservator hija ovvja li huwa mistenni li dan ikollu team ta' nies li tagħhom huwa responsabbli. Ir-rikorrent ma għandu lil ħadd li huwa responsabbli għalih u għaldaqstant ma għandu l-ebda responsabbilta fejn jidħlu r-riżorsi umani, xi ħaġa li Principal Conservator huwa responsabbli minnha.

L-argument prinċipali tar-rikorrent huwa li s-superjur tiegħu ma jifhem xejn fl-injam, allegazzjoni li ġiet ribattuta mix-xhieda tal-Aġenzija fejn ġie spjegat li l-arti tal-konservazzjoni hija waħda wiesgħa u fit-taħriġ tal-konservazzjoni ikun hemm ħafna materji u prinċipji, bħal per eżempju l-etika, li hija komuni għal kull dixxiplina. Jekk nieħdu analoġija ma' rwoli differenti f'entitajiet oħra, wieħed jirrimarka li kieku l-argument tar-rikorrent ireġġi, f'kumpannija ikollna aktar minn CEO wieħed għaliex CEO ikollu jirrispondi lilu direttur responsabbli mill-finanzi, direttur responsabbli mir-riżorsi umani, direttur responsabbli mil-loġistika eċċ eċċ.

It-Tribunal hawnhekk jirreferi għal dak li jgħid Kenneth Gambin fl-affidavit tiegħu *"Filwaqt li l-kompetenza purament teknika ta' Aquilina mhijiex qed tiġi diskussa, wieħed isibha diffiċli ħafna jifhem kif xi ħadd jista' jiddetta l-organigramma tal-Aġenzija li hu impjegat magħhoma, u li saħansitra arbitrarjament jaħtar lilu nnifsu fil-pożizzjoni li jiddeċiedi hu għalih innifsu".*

**<u>Deċiżjoni</u>**

Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet tiegħu, t-Tribunal jiddeċiedi illi r-rikorrent ma sofriex trattament diskriminatorju u għaldaqstant ma jilqax it-talbiet tiegħu.

**<u>Drittijiet</u>**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju